Mro. Antonio Miruzzi (1867 – 1944)
Ir-re tal-baned Maltin fl-ewwel tliet deċennji tas-seklu għoxrin
Mija u ħamsin sena minn twelidu



Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Din is-sena jaħbat il-150 anniversarju mit-twelid ta' wieħed mis-surmastrijiet l-aktar prolifiċi u versatili li qatt rat id-dinja bandistika ġewwa pajjiżna. Qed nirreferi għal Mro. Antonio Miruzzi, li twieled il-Furjana fl-10 ta' Ottubru, 1867 u miet il-Ħamrun fit-23 ta' Ottubru, 1944. M'hawnx banda waħda f'Malta u Għawdex li m'għandhiex xi marċ brijuż jew funebri, jonkella xi innu, 'żgħir' jew 'kbir' minn tiegħu. Għaldaqstant, permezz ta' dan l-artiklu, is-Soċjetà Filarmonika 'Santa Marija' tal-Mosta qed tingħaqad flimkien ma' baned oħrajn biex issellem il-memorja ta' dan il-bniedem li ta' ħajtu għall-arti tal-anġli li hija l-mużika.

Kliem muftieħ: Mro. Antonio Miruzzi, University of Malta Junior College, Għaqda Każini tal-Banda, Soċjetà Filarmonica 'San Ġorġ (Bormla), Soċjetà Mużikali San Ġużepp (Ħamrun), Soċjetà Filarmonika La Vincitrice (Isla), Soċjetà Filarmonica 'San Piju X' (Lija), Għaqda Mużikali 'Sant' Andrija' (Luqa), Soċjetà Mużikali Nicolò Isouard (Mosta), Soċjetà Filarmonika Santa Marija (Mosta), Soċjetà Filarmonica Nazionale 'La Valette' (Valletta), Soċjetà Mużikali u Filarmonica 'Leone' (Victoria, Għawdex), Għaqda Mużikali 'Beland' (Żejtun).



Waħda mill-ħafna baned Maltin li kellhom ix-xorti li jiksbu s-servizz ta' Mro. Miruzzi hi proprju s-Soċjetà Filarmonika 'Santa Marija' tal-Mosta. Mill-istorjografi ta' din is-soċjetà Mostija stajna nsiru nafu li, Mro. Antonio Miruzzi kien surmast tagħha eżatt fil-bidu tas-seklu għoxrin. Iżda, ma stajniex insiru nafu sakemm dam magħha. Li nafu hu, li warajh kien laħaq surmast ieħor, ċertu Mro. G. Micallef li, min-naħa tiegħu, ma setax dam aktar mill-1911. Dan peress li, mbagħad, il-Banda kienet waqfet mill-attivitajiet tagħha, anki jekk il-*Casino Santa Marija* kien baqa' jiftaħ għall-membri tiegħu. Jidher li, din il-Banda ma setgħetx taqbad art f'raħalha minħabba l-piki żejda li kienu jeżistu dak iż-żmien bejn iż-żewġ baned Mostin. Din ir-rivalità kienet ħarġet fil-beraħ fil-festa lokali ta' San Ġużepp tal-1906[1] tant li, il-purċissjoni kienet tħassret wara li nqalgħu xi inċidenti serji fuq min minnhom kellu d-dritta u l-preċedenza.

Fiż-żmien li laħaq surmast tal-Banda 'Sta. Marija' tal-Mosta, jiġifieri fl-1900, Mro. Miruzzi kien għadu tista' tgħid fil-bidu tal-karriera bandistika tiegħu. Għaxar snin biss qabel huwa beda jgħallem lill-allievi

[1] Hija tabilħaqq koinċidenza li, f'din l-istess sena kien inqala' wkoll inkwiet serju fi ħdan is-Soċjetà Mużikali 'San Ġużepp' tal-Ħamrun li, f'dawk iż-żmenijiet, Mro. Miruzzi kien surmast tagħha. L-istorjografu tas-Soċjetà, Joseph Mifsud Matrenza, fil-ktieb li kien ħareġ għaċ-ċentinarju, jagħti rendikont dettaljat ta' x'wassal biex grupp ta' tliet bandisti jiġu mkeċċija mill-Banda bil-konsegwenza li, flimkien ma' xi bandisti oħra u xi soċi sussidjari, li ma kinux qablu ma' din is-sentenza ħarxa li ngħatat mill-Uffiċjali tal-Kumitat, f'qasir żmien iffurmaw banda ġdida għalihom u għammduha bl-isem ta' 'Banda San Gejtanu'. Ta' min jgħid li, Mro. Miruzzi kien ta' dixxiplina hekk kbira li ma kienx ser iħalli 'l xiħadd ifalli kif ġieb u laħaq. Ta' min iżid hawnhekk li, matul il-karriera mużikali professjonali tiegħu, Mro. Miruzzi mhux l-ewwel darba li għaddha minn xi mumenti koroh. Skont Anton Grazio Grech, fil-ktieb tiegħu '14-il profil ta' mużiċisti Għawdxin, Maltin u barranin', pġ. 24, fl-1898, huwa kellu xi jgħid mas-surmast Kav. Alfred Hare tal-Banda 'King's Own' tal-Belt Valletta.

bħala *Maestro Istruttore* fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika Nazzjonali 'La Valette' għas-salarju ta' lira fix-xahar! Huwa kien ukoll fundatur u direttur tal-Orkestra Mandolinistika 'La Valette' li ġiet imwaqqfa fl-1897. Għal ftit xhur bejn l-1899 u 1900 kien serva wkoll bħala aġent-direttur tal-Banda Beltija (bis-salarju ta' tliet lira fix-xahar) u laħaq idderieġa xi programmi magħha. Fl-istess sena li Mro. Miruzzi laħaq *Maestro Istruttore*, inħatar ukoll surmast-direttur tal-ewwel żewġ baned fil-karriera tiegħu li huma, 'La Vincitrice'(Isla) u 'Leone (Victoria, Għawdex). Iżda ma' dawn iż-żewġ baned ma tantx kellu ħajja twila għax magħhom dam biss ftit snin.

Jidher li, Mro. Miruzzi kien għadu mhux deċiż sa barra jekk kellux jibni karriera f'Malta jew barra. Għal bidu, it-tir tiegħu kien li jagħmel karriera fid-direzzjoni. Mhux ta' b'xejn għalhekk li, meta spiċċa mill-istudji tiegħu ġewwa l-Italja ried jagħmel bħal zijuh, Mro. Paolo Miruzzi, u jimbarka fuq bastiment navali bħala mużikant biex eventwalment jilħaq *bandmaster*.[2] Meta mbagħad ra li dan il-ħsieb tiegħu ma kienx irnexxa tela' jiġri Tuneż flimkien ma' martu Konċetta, imwielda Cauchi, fuq stedina tal-Maltin t'hemmhekk. Dawn xtaqu li Mro. Miruzzi jgħaqqdilhom soċjetà mużikali wara li kienu semgħu bil-ħiliet mużikali tiegħu. Din il-banda kienet twaqqfet tassew taħt id-direzzjoni tiegħu, u l-Maltin ta' Tuneż semmewha *(Filarmonica) Melitensis La Valette* b'sens ta' rispett lejn is-Soċjetà mużikali Beltija.[3] Iżda, id-destin ried mod ieħor. Martu ma setgħetx tidra hemmhekk u jidher li waqgħet f'dipressjoni tant li, wara sitt snin, il-koppja ddeċidiet li tinżel lura Malta għal dejjem.






Intant, fl-istess sena li telaq minn mal-banda Sengleana ħa f'idejh is-Soċjetà Filarmonica 'Nicolò Isouard'. Skont Mifsud Matrenza[4], 'din il-banda għenitu mhux ftit biex jakkwista ċertu esperjenza kemm fit-tagħlim u kemm fid-direzzjoni.' L-istess awtur jkompli jgħidilna li, 'is-suċċessi li kiseb ma' din il-banda servew biex ismu jixtered fil-kamp mużikali ta' dak iż-żmien.' U tabilħaqq hekk kien. Sena biss qabel ma' laħaq surmast tas-Soċjetà Filarmonika 'Santa Marija' tal-Mosta huwa ngħaqad mal-Banda 'San Ġużepp' tal-Ħamrun u dam snin twal magħha. Din kienet l-era tad-deheb għall-Banda Ġużeppina Ħamruniża 'għax taħt il-maestrija tiegħu, hija kisbet suċċessi enormi kemm ġo Malta u kemm barra minn xtutha.'[5] Fl-istess sena wkoll li laħaq surmast tal-Banda Mostija ta' Santa Marija ħa t-tmexxija tas-Società Filarmonica 'I Cavalieri di Malta' ta' Tas-Sliema. Iżda, din il-banda, imwaqqfa fl-1886, ma kelliex ħajja twil u ġiet xolta fl-1902.

F'karriera twila ta' 'l fuq minn erbgħin sena, Mro. Miruzzi baqa' jieħu aktar baned taħt idejh u fl-istess ħin, ċeda minn oħrajn. Dawn kienu: is-Soċjetà Filarmonica 'San Ġorġ' (Bormla) (1905 - ?), is-Soċjetà Filarmonica 'San Piju X' (Ħal Lija) (1906 – 26), l-Għaqda Mużikali Sant' Andrija (Ħal Luqa) (1914 – 22), u l-Għaqda Mużikali 'Beland' (1919 – 32). Ta' min iżid jgħid hawnhekk li, fl-1910, Mro. Miruzzi kien inħatar ukoll surmast-direttur tal-Banda tal-Orfni tal-Gvern. Mhux biss, iżda seba' snin wara kellu jilħaq ukoll direttur tal-orfanatrofju fejn aktar minn erbgħin sena qabel kien qatta' tfulitu ma' tfal iltiema bħalu.

---

[2] Mro. Miruzzi tela' jistudja l-Italja fl-1884. Kemm dam hemmhekk u f'liema konservatorju kien għadna ma nafux.
[3] Il-Banda 'La Valette' kienet għamlet żjara f'Tuneż f'April tal-1891.
[4] Joseph Mifsud Matrenza kien l-istorjografu ewlieni tal-Banda Ġużeppina Ħamruniża.
[5] Mifsud Matrenza.

Mro. Miruzzi rtira mid-direzzjoni fl-1932 fl-età ta' 65 sena fuq parir ta' uliedu stess minħabba raġunijiet ta' saħħa.



Ix-xogħol ta' Miruzzi ma' dawn il-baned kollha ma kienx jikkonsisti f'li joqgħod jidderiġiehom biss. Huwa kien responsabbli wkoll, mit-tagħlim tal-istudenti, il-provi tal-allievi, it-tħejjijiet ta' programmi, u l-arranġamenti mużikali u/jew xogħlijiet ġodda li kien ikun marbut li jrid jikteb. Jgħidu li, Miruzzi kien bniedem soċjevoli, dħuli, b'manieri sinjorili, imma waqt il-provi u/jew l-esekuzzjonijiet m'hemmx ċajt. Skont Mifsud Matrenza[6], 'l-istatura u l-personalità, speċjalment meta jkun fuq il-podju, kienet titlob attenzjoni sħiħa minn bandisti u ammirazzjoni mis-semmiegħa.' Iżda, minkejja li forsi kien xi ftit strett u esiġenti, kawża tad-dixxiplina severa li kienu jimxu biha dak iż-żmien, 'ħafna bandisti kienu japprezzaw il-parir tiegħu, u jammarawh ħafna għall-mod ta' kif kien jgħallem, u għad-direzzjoni impekkabbli tiegħu.'[7]

Sfortunatament, dan l-artiklu ma jippermettilniex spazju biżżejjed biex nitkellmu wkoll dwar l-għexieren kbar ta' xogħlijiet 'żgħar', 'medji' u 'kbar' li ħarġu mill-pinna prolifika u versatili tiegħu. Għaldaqstant, inwiegħdkom li nagħmel dan fil-ħarġa li jmiss.

Għeluq: Dan l-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Mostin għal tliet raġunijiet: (a) fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' Santa Marija li qed tiġi ċċelebrata ġewwa l-Mosta; (b) fl-okkażjoni tal-150 mit-twelid ta' Mro. Antonio Miruzzi (1867-1944); (ċ) fl-okkażjoni ta' għeluq it-30 sena tiegħi bħala għalliem tal-mużika fi skejjel statali u indipendenti (1987-2008), u lettur, illum anzjan, fil-*University of Malta Junior College* sa mill-1999.



Aktar artikli mill-istess awtur dwar ħajjet u ħidmet is-surmast Antonio Miruzzi, jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)

[6] Kien l-istorjogarfu ewlieni tal-banda Ġużeppina Ħamruniża.
[7] Ibid.